**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, l-4, ta' Marzu, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 777/2021**

***ALFRED SCHWAB, HEKK KIF RAPPREŻENTAT LOKALMENT GĦALL-FINIJIET TAL-PREŻENTI PROĊEDURI MILL-MANDATARJU SPEĊJALI TIEGĦU L-AVUKAT DOTTOR MARK ANTHONY MUSCAT, LIEMA MANDAT HUWA LIMITATAMENT GĦALL-FINIJIET TAL-PREŻENTI PROĊEDURI***

***VS.***

***MR GREEN LIMITED***

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa digriet dwar rikors għall-korrezzjoni fir-rikors maħluf li ġie mressaq mill-avukat Mark Anthony Muscat f'isem Alfred Schwab (minn issa 'l hemm imsejjaħ bħala l-attur *nomine*) fit-18 ta' Novembru, 2021 (ara paġni 57 u 58 tal-atti);

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fil-**<u>5 ta' Awwissu, 2021</u>**, l-attur *nomine* fisser li b'żewġ sentenzi mogħtija fl-Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 u fit-18 ta' Frar, 2021, il-mandanti tiegħu Alfred Schwab ġie ddikjarat bħala kreditur tal-kumpannija

konvenuta fis-somma ta' €135,100 u dan minbarra l-imgħaxijiet bl-4% mit-13 ta' Awwissu, 2020 sad-data sakemm isir il-ħlas;

3. L-attur *nomine* jgħid li dwar dawn iż-żewġ sentenzi nħarġu żewġ ċertifikati mill-awtoritajiet Awstrijaċi skont ir-**Regolament (UE) 1215/2012**. Iżid jgħid ukoll li permezz ta' ċedola bin-numru 1231/2021, il-kumpannija konvenuta ddepożitat mar-reġistru tal-qorti s-somma ta' €148,596.14;

4. Issa billi l-attur *nomine* jrid jiġbed dawn il-flejjes biex jagħmlu tajjeb għas-sentenzi mogħtija fl-Awstrija, huwa talab lil din il-qorti sabiex:

> *«Tiddikjara eżegwibbli, u konsegwentement tordna u tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Reġjonali ta' Salzburg (Landesgericht Salzburg), Awstrija fit-18 ta' Novembru, 2020 fl-ismijiet premessi (Dokument A) hekk kif debitament konfermata mill-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Linz bħala Qorti tal-Appell (Dokument B) sabiex l-attur tramite l-attur nomine jkun jista' jeżiġi l-ħlas fl-ammonti kanonnizati fl-istess sentenzi hekk kif ċertifikati bħala eżegwibbli a tenur taż-żewġ ċertifikati hawn anness (Dokument C u D), bl-ispejjeż ġudizzjarji u bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont dovut mit-13 ta' Awwissu 2020 sal-jum tal-ħlas effettiv.»*

5. Il-kumpannija konvenuta Mr Green Limited ressqet risposta maħlufa fl-**<u>14 ta' Settembru, 2021</u>**, u fiha ressqet għadd ta' eċċezzjonijiet. Fost dawn l-eċċezzjonijiet hemm tliet eċċezzjonijiet preliminari. Dawn it-tliet eċċezzjonijiet, li jinsabu fl-ewwel tliet paragrafi tar-risposta maħlufa, jaqraw hekk:

> *«1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, r-rikors ġuramentat odjern huwa null u irritu ai termini tal-**Artikolu 789** u l-**Artikolu 156 tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan għaliex l-istess rikors ġuramentat tal-mandatarju speċjali nomine ma jispeċifika fl-ebda stadju, taħt liema disposizzjoni tar-**Regolamenti UE nru 1215/2012** tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (minn issa "**Brussels I Recast**") ċitat mir-rikorrenti noe stess f'paragrafu 1 tar-rikors promotur, qiegħed*

*ifassal t-talbiet tiegħu, b'dana kollu jipprevjeni l-konvenuta milli tiddefendi ruħha, kif inhu dritt tagħha, għat-talbiet kif esposti;*

*2. Illi fit-tieni lok, wkoll in linea preliminari u magħdud mas-suespost, it-talbiet odjerni kif esposti u mfasslin ai termini tal-Brussels I Recast huma irriti u nulli ai termini tal-istess Brussels I Recast u dan għaliex l-istess Brussels I Recast ma jagħtix lil parti li tkun trid tenforza sentenza estera d-dritt illi tagħmel rikors għad-dikjarazzjoni ta' rikonoxximent u infurzar bħal dak odjern. Illi kif ser jiġi spjegat f'izjed dettall fil-mori tal-kawza, dan id-dritt kien preżenti biss taħt ir-Regolment 44/2001 (ossia "Brussels I Regulation"), liema Brussels I Regulation m'għadux japplika illum il-ġurnata wara illi daħal fis-seħħ il-Brussels I Recast Regulation fl-2015. Jiġi senjalat illi l-Brussels I Recast jagħti biss id-dritt illi l-parti interessata 'tapplika għal deċizjoni li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45" ai termini tal-Artikolu 36 (2) tal-Brussels I Recast u xejn oltre dan;*

*3. Ili fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba rikorrenti sabiex jiġu ddikajarati "eżegwibbli" s-sentenzi mogħtija mill-Qrati Awstrijaċi, ma tistax tintlaqa' qabel l-istess sentenzi Awstrijaċi jiġu wkoll "rikonoxxuti" ai termini tal-istess Brussels I Recast, u għaldaqstant, dato ma non concesso u fil-każ illi l-Onorbbli Qorti jogħġobha tikkonsidra t-talbiet tar-rikorrent nomine kif imfassla, it-talba waħidha sabiex is-sentenzi jiġu dikjarati 'eżegwibbli' ukoll ma tistax tintlaqa' għal din ir-raġuni.»*

6. B'reazzjoni għal dawn l-eċċezzjonijiet, l-attur *nomine* ressaq rikors bit-timbru tat-**<u>18 ta' Novembru, 2021</u>** (ara paġni 57 u 58 tal-atti), fejn bl-applikazzjoni tal-**artikolu 175 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta** huwa talab għall-korrezzjoni fit-talba tar-rikors maħluf. Fl-ispeċifiku huwa talab biex din it-talba tiġi tibda b'dawn il-kliem li ġejjin:

*«A tenur tal-Artikolu 36 et seq tal-Kapitolu III, tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (Recast), tiddikjara li m'hemm l-ebda raġuni għal rifjut ta' rikonoxximent tal-preċitati sentenzi u b'hekk tirrikonoxxi u»*

7. Bi tweġiba magħmula fl-**<u>20 ta' Ottubru, 2021</u>** (ara paġni 51 sa 54 tal-atti)[1], Mr. Green Limited oġġezzjonat għal din it-talba għaliex tenniet li jekk tintlaqa' din il-korrezzjoni, tkun qiegħda tinbidel kemm is-sustanza tal-azzjoni u kif ukoll l-eċċezzjonijiet tagħha fuq il-mertu;

8. Waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru, 2021, intlaħaq qbil mal-partijiet li l-qorti għandha tagħti digriet kemm dwar it-talba għall-korrezzjoni u kif ukoll sentenza dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' Mr Green Limited;

***Konsiderazzjonijiet***

9. It-talba tal-attur *nomine* biex tiġi awtorizzata korrezzjoni fir-rikors maħluf saret taħt l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

10. Dan l-artikolu jagħti setgħat wesgħin ħafna lill-qorti biex tordna li jsiru korrezzjonijiet f'atti ġudizzjarji. Tali tibdil jikkonsisti mhux biss fit-tiswija ta' żbalji imma wkoll bdil fl-atti b'mod li jistgħu jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt li jkunu pertinenti u rilevanti għall-mertu li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ fil-kawża (ara ***Reġistratur tal-Qrati v. Joseph Muscat*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' April, 2003);

11. L-għan wara dan l-artikolu huwa li kemm jista' jkun jiġu salvati dawk l-atti ġudizzjarji li ma jkunux tħejjew tajjeb mill-ewwel, ħalli b'hekk tiġi mwarrba l-possibilità li jfaqqsu proċeduri separati minħabba dikjarazzjoni ta' nullità ta' dawk l-atti (ara ***Paul Abela et v. Busietta Gardens Madliena Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2004). Huwa ċar li l-leġislatur ried b'dan l-artikolu tal-liġi illi jevita li kawżi jiġu maqtula minħabba formaliżmu u rigorożità esaġerata

[1] Mr. Green Limited kienet irċeviet kopja tar-rikors għall-korrezzjoni u saħanistra ressqet risposta għalih fl-atti tal-kawża, qabel mal-attur *nomine* kien formalment ippreżenta dan ir-rikors fl-atti tal-kawża (ara l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru, 2021 f'paġni 55 u 56 tal-atti).

fil-proċedura (ara ***Diane Schembri et v. Alfred Schembri & Sons Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2015). Kif imsemmi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha, ***Lawrence Attard nomine v. Vincent Farrugia nomine*** deċiża fil-25 ta' Frar, 2011, «*illum il-liġi u l-Qorti, aktar mill-formaliżmu jew legaliżmu, tħares lejn dak li hu skond (recte skont) il-ħaqq u s-sewwa, lejn il-ġustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn meħtieġ, moderata mill-prinċipju tal-ekwità*»;

12. Id-diskrezzjoni tal-qorti taħt l-**artikolu 175** hija wiesgħa ħafna għaliex tikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-atti ġudizzjarji. Skont il-liġi u l-ġurisprudenza din id-diskrezzjoni tal-qorti li tordna tiswijiet fl-atti ġudizzjarji tista' tiġi eżerċitata kemm *ex officio* fis-sentenza tagħha (ara ***George Peresso v. Kummissarju tal-Pulizija et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Mejju, 2003, ***Salvu Briffa et v. Gerolamo Bugeja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2006 u ***Victor Azzopardi et v. John Azzopardi et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2021) u kif ukoll mingħajr il-ħtieġa li tinstema' l-parti kuntrarja, jekk kemm-il darba l-qorti tħoss li tali intervent ma jkunx la meħtieġ u lanqas neċessarju (ara ***Joseph M. Vella et v. Vella Brothers Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007 u ***Salem Nuri Razzewi v. Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonniċi*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004);

13. Il-ġurisprudenza tagħna hija miżgħuda b'ħafna eżempji fejn il-qrati tagħna użaw id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex jawtorizzaw tiswijiet, tibdiliet u żidiet f'atti ġudizzjarji. Fost dawn l-eżempji wieħed jista' jsemmi dawn li ġejjin: (i) sostituzzjoni tal-kelma '*illegali*' bil-kelma '*legali*' (ara ***Emerenziana Bugeja v. Joseph Muscat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017); (ii) bdil fil-konfigurazzjoni tal-art imsemmija fiċ-ċitazzjoni (ara ***Emanuel Calleja v. Nazzareno sive Zaren Calleja et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2004); (iii) bdil fl-isem ta' dipartiment tal-Gvern (ara ***Frederic Richard sive Rick Bradshaw v. Dipartiment Għall-Protezzjoni Ċivili***

***et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2002); (iv) bdil fl-isem ta' kumpannija mħarrka (ara ***C. Fino & Sons Limited et v. Saviour Buttigieg et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-30 ta' Settembru, 2011; (v) bdil tal-isem tar-rikorrent (ara ***Jennifer Calleja et v. Anthony sive Lino Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017); (vi) bdil fl-ammont ta' danni mitluba (ara ***Anthony Micallef et v. Oliver Cachia*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Novembru, 2004); (vii) bdil fin-numru tal-post li jissemma fiċ-ċitazzjoni mertu tal-kawża (ara ***Dr. Henri Diacono pro et noe v. Joseph Scicluna et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2008); (viii) inklużjoni ta' talbiet żejda għall-għoti ta' danni f'każ li t-talbiet oriġinali ma jkunux aktar fattibbli (ara ***Paul Abela et v. Busietta Gardens Madliena Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Frar, 2004); (ix) inklużjoni ta' talba oħra għall-kanonizzazzjoni ta' dejn (ara ***C. Stivala Limited v. Salvatore Cassar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2007); (x) awtorizazzjoni ta' bidla ta' kawża minn waħda taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għal waħda ta' sura kostituzzjonali (ara ***Vanna Arrigo et v. Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u Ippjanar et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017); (xi) żieda ta' premessi ġodda fir-rikors maħluf (ara ***Joseph Genovese v. Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u Ippjanar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju, 2013; u (xii) żieda jew bdil ta' persuni mħarrka (***ara Charles Grech et v. John Aġius*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju, 2021);

14. Bħalma tajjeb ħafna poġġietha l-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Keyland Co Ltd u Dots Ltd v. Josephine Xuereb*** deċiża fil-15 ta' Jannar, 2010,

> *«il-proċedura tal-korrezzjoni ma tikkostitwix att ġdid jew fażi proċesswali ġdida iżda hi merament inċidentali, diretta biex tidentifika u tippreċiża bl-espressjoni grafika korretta l-forma ta' l-att promotur.»*

15. Dan kollu meqjus, il-limitazzjoni waħdanija li l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jagħmel fuq is-setgħa tal-qorti u fuq min jagħmel talba għall-bdil jew tiswija tal-att ġudizzjarju, hu li t-tibdil ma jistax ibiddel is-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fil-mertu tal-kawża (ara ***Maġistrat Dottor John Formosa v. Joseph Fenech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Diċembru, 1995 u ***Walsh's Limited v. Awtorità tal-Ippjanar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Frar, 1997). Il-qorti għalhekk tista' u għandha tawtorizza korrezzjonijiet u tibdiliet fl-att ġudizzjarju sakemm dawn ma jippreġudikawx id-drittijiet tal-partijiet l-oħra fil-kawża. Kemm hu hekk, ġie deċiż fid-digriet mogħti fl-14 ta' Lulju, 2000 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża fl-ismijiet ***Dominic Żerafa et v. Carmelo Buhaġiar et***, illi d-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għandhom jingħataw, fejn hu possibbli, interpretazzjoni wiesa' u fejn jixraq u permess mil-liġi għandhom jiġu dejjem awtorizzati;

16. Lura għall-każ tagħna, li rridu naraw mela huwa jekk il-korrezzjoni jew aħjar żieda mitluba mill-attur *nomine* fit-talba tar-rikors maħluf tibdilx is-sustanza tal-azzjoni mibdija minnu jew inkella tolqotx l-eċċezzjonijiet fil-mertu li ressqet il-kumpannija konvenuta fir-risposta maħlufa tagħha;

17. Essenzjalment il-bdil li l-attur *nomine* jixtieq jagħmel fir-rikors maħluf tiegħu huwa biex it-talba finali tiegħu dwar l-esegwibbilità tas-sentenzi Awstrijaċi f'Malta tiġi preċeduta minn talba oħra għar-rikonoxximent tagħhom;

18. Il-kumpannija konvenuta tgħid f'paragrafi 9 u 10 tat-tweġiba tagħha li din iż-żieda fir-rikors maħluf sejra tibdel in-natura tal-kawża minn waħda ta' talba ġenerika għad-dikjarazzjoni ta' esegwibbilità ta' sentenzi esteri li ma tagħmel l-ebda riferenza għall-ebda liġi ġenerali jew speċjali, għal kawża differenti msejsa fuq rikonoxximent ta' sentenzi skont l-**artikolu 36 tar-Regolament (UE) 1215/2012**;

19. Din il-qorti iżda ma taqbel xejn ma' din il-pożizzjoni tal-kumpannija konvenuta. Għad li huwa minnu li t-talba oriġinali tar-rikors maħluf, la fiha riferenza għal xi liġi partikolari u lanqas ma fiha talba għar-rikonoxximent ta' sentenzi barranin, madankollu jekk wieħed iħares lejn l-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf wieħed dlonk isib li l-attur *nomine* jgħid iswed fuq l-abjad li, «*<u>dan huwa rikors għar-rikonoxximent hawn Malta tal-hawn taħt premessi sentenzi Awstrijaki a tenur tar-Regolament (EU) 1215/2012 (Brussels Recast)</u>*»;

20. Il-kumpannija konvenuta għalhekk ma tgħidx sew li l-azzjoni mibdija mill-attur *nomine* mhijiex bażata fuq liġi speċifika jew li l-azzjoni tiegħu mhijiex waħda għar-rikonoxximent ta' sentenzi barranin;

21. Li ġara huwa biss li t-talba finali tar-rikors maħluf ma nkitbitx b'mod preċiż biex din tiġi taqbel mas-sies tal-kawża, kif espress fl-ewwel paragrafu tar-rikors maħluf. Huwa sewwasew hawnhekk fejn jidħol l-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, *viz*. li jiżgura li t-talba tar-rikors maħluf titqiegħed f'sintonija mal-premessi tar-rikors maħluf u biex żbalji jew nuqqasijiet fit-tħejjija tar-rikors maħluf jiġu msewwija;

22. Tassew iż-żieda għar-riferenza għall-**artikolu 36 tar-Regolament (UE) 1215/2012** dwar ir-rikonoxximent tas-sentenzi fit-talba finali tar-rikors maħluf mhijiex fil-fehma tal-qorti sejra tbiddel in-natura jew is-sustanza tal-azzjoni mibdija mill-attur *nomine*. L-iskop tal-azzjoni, anke wara l-korrezzjoni, sejra tibqa' l-istess, jiġifieri, dik biex l-attur *nomine* jkun jista' juża' f'Malta s-sentenzi mogħtija fl-Awstrija biex huwa jkun jista' jiġbor il-kreditu li huwa qed jgħid li għandu jieħu mingħand il-kumpannija konvenuta;

23. Il-bidla mitluba fir-rikors maħluf isservi jekk xejn biex tiġi ċċarata aħjar il-kawża. Anzi l-qorti temmen bi sħiħ illi li kieku kellha tiċħad it-talba għall-korrezzjoni, dan ma kienx se jsolvi l-kwistjoni iżda x'aktarx dan kien ħa jagħti lok għal azzjoni

ġdida mill-istess attur *nomine*. Din il-bidla taqa' għalhekk fl-ambitu tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, *viz*. li jiġi evitat il-ftuħ ta' kawżi ġodda, meta dawn jistgħu jiġu deċiżi f'kawża waħda;

24. Fl-aħħarnett, il-qorti lanqas ma temmen li din il-bidla fir-rikors maħluf sejra tolqot xi eċċezzjoni fil-mertu tal-kumpannija konvenuta;

25. Huwa minnu li din il-korrezzjoni tista' tinnewtralizza l-ewwel tliet eċċezzjonijiet kif miġjuba fir-risposta maħlufa tagħha, iżda dan ma jwassalx b'daqshekk għar-rifjut tat-tħaddim tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta**. Ta' min iżomm f'moħħu hawnhekk, li l-**artikolu 175** huwa mxekkel milli jintuża, jekk it-tiswija tkun tolqot xi eċċezzjoni dwar il-mertu tal-kawża u mhux meta din tolqot xi eċċezzjoni proċedurali jew preliminari;

26. Huwa ċar li l-**artikolu 175 tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta** jista' jitħaddem anke meta l-ħtieġa tal-korrezzjoni jew bidla tkun inqalgħet minħabba xi eċċezzjoni preliminari jew proċedurali li tkun qamet mill-konvenut, kif jidher li ġara fil-każ tal-lum. Dan huwa ovvju għaliex ma jagħmilx sens illi bidla tista' ssir jekk ma ssirx eċċezzjoni, imma bidla ma tistax ssir jekk tingħata l-eċċezzjoni (ara ***Elizabeth Anne Calabrese noe v. Ersilia Bigeni et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Diċembru, 1994). Sakemm dik l-eċċezzjoni ma tkunx dwar il-mertu tal-kawża u sakemm il-korrezzjoni mitluba ma tbiddilx is-sustanza tal-azzjoni, il-qorti tista' tinqeda bis-setgħat mogħtija lilha bl-**artikolu 175 tal-Kap 12 ta' Liġijiet ta' Malta**;

27. F'dan il-każ l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-kumpannija konvenuta dwar jekk is-sentenzi Awstrijaċi għandhomx jingħataw effett f'Malta jew le, mhumiex ħa jiġu mittiefsa bil-korrezzjoni mitluba mill-attur *nomine*;

28. Il-qorti għalhekk qiegħda tasal għall-fehma li hija għandha tilqa' t-talba tal-attur *nomine* sabiex ikun hemm korrezzjoni fit-talba tar-rikors maħluf. Naturalment l-ispejjeż marbuta ma' dan l-episodju għadhom jitħallsu mill-attur *nomine* għaliex dan kollu nqala' minħabba fih peress li l-avukat tiegħu ma kienx preċiż fit-tħejjija tar-rikors maħluf;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti bit-tħaddim tal-**artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** qiegħda **<u>tilqa'</u>** t-talba għall-korrezzjoni fir-rikors maħluf tal-5 ta' Awwissu, 2021, kif mitluba mill-attur *nomine* bir-rikors tiegħu tat-18 ta' Novembru, 2021 u bħala riżultat ta' dan il-qorti qiegħda tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex iwettaq it-tibdiliet meħtieġa fir-rikors maħluf imsemmi;

L-ispejjeż marbuta ma' din id-deċiżjoni għandhom jitħallsu kollha mill-attur *nomine*.

________________________

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

________________________

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**